# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-16 ta' Gunju 2021**

**Rikors Numru : 70/2020 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**AG**

**vs**

**GB**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' AG, datat 20 ta' Frar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*ILLI l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Marzu 2001 (Vide Dok AG1 anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel wiehed li jismu T u li ghadu minorenni.*

*ILLI l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Sarah Scerri tal-21 ta' Marzu 2016 (Vide Dok AG 2 anness) izda ilhom de facto separati minn xulxin sa minn Mejju 2014 kif indikat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni.*

*ILLI m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra llum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u anke ffurmaw rabtiet ma persuni ohra.*

*ILLI m'hemm ebda manteniment reciproku dovut stante li ai termini tal-artikolu 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni sudett il-partijiet irrinunzjaw ghall-manteniment reciproku.*

*ILLI ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti.*

*GHALDAQSTANT ir-rikorrenti qeda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*
*(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju/hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat skond il-Ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' GB, datata 24 ta' Frar 2021, a fol 32, li taqra hekk:

*Illi permezz taghha huwa jiddikjara illi m'ghandu l-ebda oggezzjoni illi din l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju hekk kif mitlub mir-rikorrenti stante ili huma jissodisfaw il-kriterji hekk kif impost mill-Art. 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AG** xehdet (vide affidavit fol 20) illi l-partijiet kienu zzewwgu nhar it-3 ta' Marzu 2001 u li

minn dan iz-zwieg kellhom tifel li ghadu minorenni. Sostniet illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Sarah Scerri nhar il-21 ta' Marzu 2016, waqt li ilhom separati de facto sa minn Mejju 2014. Iddikjarat illi ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzoni u dan stante li t-tnejn li huma ghandhom rabtiet ma persuni ohra apparti z-zmien li ilhom separati. Di piu' xehdet illi ma hemm ebda kwistjoni pendenti bejniethom rigward il-manteniment.

**GB** xehed (vide affidavit fol 33) u kkonferma dak li xehdet martu AG.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Marzu 2001, liema zwieg jgib c-certifikat numru 178/2001 (vide Dok AG1 certifikat taz-zwieg, a fol 2). Minn dan iz-zwieg kellhom tifel, li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat nhar il-21 ta' Marzu 2016, fl-atti tan-Nutar Dottor Sarah Scerri (vide Dok AG2, a fol 3 et seqq.) Di piu, mix-xhieda tal-attrici jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati de facto sa minn Mejju 2014, ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu' ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 178/2001 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**